**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 21 ta' Marzu, 2018

Rikors Nru : 11/18 AL

**AB**
**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

i. Illi l-partijiet kienu zzewgu fil-hamsa (5) ta' April tas-sena 1992, minn liema zwieg twieldu zewgt itfal li llum huma t-tnejn maggiorenni;
ii. Illi l-partijiet ikkuntrattaw is-separazzjoni personali taghhom permezz ta kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor

Patricia Vella Haber datat hdax (11) ta' Marzu tas-sena 2009, u dan hekk kif jidher minn Dok. A hawn anness;

iii. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghall-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

iv. Illi l-ulied li l-partijiet kellhom flimkien illum huma llkoll maggiorenni u l'ebda manteniment ma huwa bejn il-partijiet;

v. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B ta' Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

vi. Illi r-rikorrenti tixtieq tirriverti ghal kunjom taghha ta' xebba ossija Stellini;

Talbet fid-dawl tal-fatti hawn esposti li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet;
2. Tordna u tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom ta' xebba ossija Stellini;
3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqsehekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz taghha ikkonferma :

1. Illi fl-ewwel lok l-esponent jirrileva illi jaqbel mal-fatti kollha kif dedotti mill-attrici;
2. Illi huwa jirrileva illi ma joggezzjonax ghat-talbiet kif proposti mill-attrici;
3. Illi finalment, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti jew minhabba xi tort tal-esponent u ghalhekk hu m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti li qeghda minni ssa tigi ingunta in subizzjoni;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta’ Jannar, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta’ Marzu 2009;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, inkluz it-talba tar-rikorrenti li tirriverti ghal kunjom xbubitha, ossija Stellini, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.